**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 24 ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 410/2023**

**Salvatore Borg (K.I. 626462M)**
**Carmel sive Charles Borg (K.I. 107261M)**
**Doris mart Charles Borg (K.I. 75460M)**
**Maria Louisa mart Ronald Farrugia (K.I. 113566M)**
**Maria Lourdes Borg (K.I. 255973M)**

**vs**

**David Calleja (K.I. 389465M)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors tar-rikorrenti ppreżentat fit-28 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

1. *Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond* ***Frank, Triq il-Markiza Bugeja, San Pawl il-Bahar*** *li huma akkwistaw per via di successione mill-eredità tal-mejta genituri taghhom, Paul Borg, li miet fid-9 ta' Ottubru 2001, u l-mejta ommhom Tereza sive Tessie Borg, li mietet fit-23 ta' Frar 2011.*

2. *Illi l-fond in kwistjoni gie akkwistat minn missier ir-rikorrenti u ilu mikri lil Sandro Calleja, ossia missier l-intimat Calleja ghal dawn l-ahhar 60 sena.*

3. *Illi qed jigi ezebit estratt mir-registru elettorali fejn jidher li l-intimat David Calleja, minkejja li ma kien jghix mal-genituri tieghu fl-5 snin ta' hajjithom ossia 4 mill-ahhar 5, huwa jippretendi li wiret il-kirja u ghadu fil-pussess tal fond in kwisjoni, skond **Dokument A** hawn anness u mmarkat.*

4. *Illi d-dikjarazzjoni causa mortis tal-mejta Paul u Tereza sive Tessie Borg gew publikati minn Nutar Marthese Felice, skond zewg kuntratti hawn annessi u mmarkati bhala **Dokument B** u **Dokument C**.*

5. *Illi l-wirt ta' John Borg li miet fl-24 ta' Lulju 2013 gie debitament denunzjat b'causa mortis kuntratt tal-10 ta' Dicembru 2013 fl-Atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice minn fejn jirrizulta li nnomina bhala eredi lil hutu r-rikorrenti skond testment tad-29 ta' April 2002 fl-Atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, **Dokument D** u **Dokument E** rispettivament.*

6. *Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirrizulta minn **Dokument F** hawn anness.*

7. *Illi l-imsemmi fond ilu mikri lill-intimati Calleja mill-1970s bil-kera miżera ta' **€100** fis-sena, wara li kien gie hekk lokat mill-antekawza tar-rikorrenti, ossia l-mejta genituri taghhom, u llum bil-kera ta' **€209.64c** fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009, b'awmenti tenwi kull tlett snin skond l-oghli tal-hajja.*

8. *Illi l-intimat Calleja qatt ma hallas kera minn mindu mietu l-genituri tieghu.*

9. *Illi omm l-intimat Calleja, l-inkwilina li kienet rikonoxxuta mis-sidien bhala l-armla ta' Sandro Calleja ossia Rosaria Calleja, mietet fit-13 ta' Settembru 2018, kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt taghha hawn anness u mmarkat bhala **Dokument G.***

10. *Illi l-intimat qatt ma kien jghix m'ommu kif jirrizulta mid-dokumenti hawn ezebiti.*

11. *Illi ghalhekk ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess intimat David Calleja ma jaqax fid-definizzjoni ta' **'kerrej'** a tenur tal-istess artikolu li jipprovdi s-segwenti:-*

*"Iżda wkoll persuni li ma jikkwalifikawx taħt is-subparagrafi (i), (ii) u (iii), u li kienu joqogħdu fid-dar ta' abitazzjoni għal erbgħa (4) mill-aħħar ħames (5) snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 u li baqgħu jgħixu mal-kerrej sad-data ta' mewtu għandhom ikomplu jokkupaw id-dar ta' abitazzjoni għal perjodu ta' ħames (5) snin mid-data tal-mewt tal-kerrej, u fit-tmiem ta' dak il-perjodu għandhom jivvakaw l-imsemmija dar ta'abitazzjoni. Il-kumpens għall-okkupazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni li għandu jkun pagabbli lis-sid matul il-perjodu msemmi hawn qabel għandujkun daqs l-ogħla ammont ta' kera li seta' kienpagabbli mill-kerrej:"*

**12.** *Illi ghaldaqstant l-istess David Calleja ma jikkwalifkax bhala kerrej li jisthoqqlu l- protezzjoni tal-istess ligi u ghalhekk is-sidien jippretendu illi ghandhom jiehdu l-fond lura.*

**13.** *Illi r-rikorrenti jafu lilhom nnifshom bil-fatti fuq esposti personalment u Salvatore Borg jikkonferma dan bil-gurament tieghu.*

**14.** *Illi l-intimat sa fejn jaf ir-rikorrenti, m'għandhux difiża x'jagħti kontra t-talba tiegħu.*

**15.** *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex jigi dikjarat li l-intimat Calleja ma jistax jibqa' igawdi mill-kirja tal-fond* ***Frank, Triq il-Markiza Bugeja, San Pawl il-Bahar,*** *ai termini tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69) u tal-Att X tal-2009 u biex konsegwentement jigi ordnat l-izgumbrament tal-istess intimat mill-fond in kwistjoni u jigi kkundannat ihallas kull ammont dovut minnha kif fuq spjegat.*

***Ghaldaqstant, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smigh tal-kawza odjerna bil-proceduri sommarji specjali kif stabbiliti mill-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord biex jordna lill-intimat sabiex jidher quddiem il-Bord fil-gurnata u hin kif stabbilit mill-istess Bord u f'każ li l-intimat ikun kontumaci f'dik is-seduta, jew inkella jekk huwa jonqos milli jidher f'dik is-seduta u li jkollu difiża li tiswa' u li jista' jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera għandu:***

I. ***Jordna*** *illi din il-kawza tinstema' bil-proceduri sommarji u dan peress li jikkonkorru l-elementi necessarji a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

II. ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi a tenur tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Matla l-intimat David Calleja ma jikkwalifikax fid-definizzjoni ta' kerrej tal-fond* ***Frank, Triq il-Markiza Bugeja, San Pawl il-Bahar,*** *u b'hekk il-kirja ghanda tigi terminata ai termini tal-Ligi u fi kwalunkwe kaz, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li m'hemm ebda dritt li jkompli fl-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni.*

III. ***Jordna*** *l-izgumbrament tal-intimat* ***David Calleja*** *mill-fond* ***Frank, Triq il-Markiza Bugeja, San Pawl il-Bahar*** *stante li ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-okkupazzjoni de quo m'hijiex surretta mil-ligi u ghalhekk l-okkupazzjoni tal-intimat hija abbuziva u illegali u ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u m'hemm l-ebda dritt ta' okkupazzjoni a favur l-intimat.*

IV. *Fi kwalunkwe kaz,* ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi l-intimat huwa moruz fil-hlas ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond* ***Frank, Triq il-Markiza Bugeja, San Pawl il-Bahar*** *mid-data tal-mewt t'ommu ossia mit-13 ta' Settembru 2018 sal-effettiv zgumbrament, oltre l-imghax legali bir-rata ta'* ***€209 fis-sena.***

V. ***Jikkundanna*** *lill-intimat ihallas l-ammont ta'* ***€1,045*** *, jew somma ohra verjuri, sal-effettiv zgumbrament, bhala danni in kwantu kumpens tal-okkupazzjoni tal-fond* ***Frank, Triq il-Markiza Bugeja, San Pawl il-Bahar*** *oltre l-imghax legali.*

Ra d-dikjarazzjoni maħlufa ta' Salvatore Borg a fol. 6 tal-proċess;

Ra illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024 l-intimat ma deherx u lanqas ġiet ippreżentata xi Nota ai termini tal-artikolu 16A (5) (a) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jikkontesta dawn il-proċeduri;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi għalhekk, fin-nuqqas ta' dehra tal-intimat il-Bord għadda biex ippronunzja sentenza dwar l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti;

Sema′ lir-rikorrenti Charles Borg u Salvatore Borg jixhdu dwar it-talbiet rimanenti;

Ra li l-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza dwar it-talbiet rimanenti.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-riżultanzi proċesswali jirriżulta li l-fond Frank, Triq il-Markiza Bugeja, San Pawl il-Baħar kien ġie mikri lil Sandro Calleja, missier l-intimat, fis-snin sebgħin. Jirriżulta wkoll illi l-ġenituri tal-intimat ġew nieqsa. Mid-dikjarazzjoni ġuramentata ta′ Salvatore Borg jirriżulta li l-intimat ma kienx jgħix mal-ġenituri tiegħu kif jistipula artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta′ Malta sabiex ikun jista′ jkompli fit-tgawdija tal-kirja li kellhom huma.

Illi fuq dawn il-provi, il-Bord għadda biex fl-14 ta′ Mejju 2024 ta sentenza parzjali u żgombra lill-intimat mill-fond *de quo*.

Illi permezz tar-raba′ u tal-ħames talba r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil-intimat jiġi kkundannat iħallas kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni mid-data tal-mewt ta′ ommu, u ċioe` mit-13 ta′ Settembru 2018 sal-effettiv żgumbrament.

Illi minn dak li xehdu Salvatore Borg u Charles Borg jirriżulta illi huma qed jippretendu l-ammont indikat fil-ħames talba bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-intimat tal-fond in kwistjoni, u ċioe` ir-rata ta′ kera li kienet tħallas omm l-intimat.

Illi dan il-Bord iqis li din it-talba hija waħda ġustifikata u għalhekk se jkun qed jilqa′ kemm ir-raba′ u kemm il-ħames talba b′dana illi a kwantu tal-perjodu li għalih se jiġi kkundannat iħallas il-kumpens, il-Bord huwa tal-fehma illi għandu jillikwida kumpens għall-kera mis-sena 2019 sad-data ta′ din is-sentenza.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, dan il-Bord qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2024, jilqa' r-raba' u l-ħames talba tar-rikorrenti u għalhekk:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat David Calleja huwa moruz fil-ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond Frank, Triq il-Markiza Bugeja, San Pawl il-Baħar mid-data tal-mewt t'ommu ossia mit-13 ta' Settembru 2018 bir-rata ta' €209 fis-sena sal-ġurnata tal-lum.

2. Jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf, mija u tmienja u disgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€1198.26),[1] bħala danni in kwantu kumpens tal-okkupazzjoni tal-fond Frank, Triq il-Markiza Bugeja, San Pawl il-Baħar.

   Bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjeż kontra l-intimat.

________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

_________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**

[1] 5 snin 8 xhur u 24 gurnata bir-rata ta' €209 fis-sena